**KUNSILL LOKALI** **LOCAL COUNCIL**

**BORMLA**
*Citta' Cospicua*

**MINUTI**

`

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Bormla**

## Is-7 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 94/2018

**31 ta' Ottubru, 2018**

Il-Kunsilli Lokali Bormla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2A, The Rest, Pjazza Santa Margerita, Bormla, fil-5:00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Alison Zerafa Civelli – Sindku
Roderick Mamo – Kunsillier
Noyah Spiteri – Kunsilliera
James Cauchi – Kunsillier
Ivan Agius – Vici-Sindku
Pablo Cachia Belli – Kunsillier

**SKUZATI:**
Antonia Perini - Kunsilliera

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Duncan Hall – Segretarju Eżekuttiv

Is-Sa. Antonia Perini kienet baghtet ittra li permezz taghha talbet lill-Kunsill Lokali jiggustifika n-nuqqas ta' attendenza taghha ghas-seduti 92/2018, 93/2018 u 94/2018 minhabba ragunijiet ta' xoghol. Fuq kunsiderazzjoni tas-Sindku ssekondata mis-Sur Pablo Cachia Belli, il-Kunsill Lokali unanimament iggustifika n-nuqqas tas-Sa. Antonia Perini.

## Minuti

### 94.1 Sejhiet ghall-offerti

94.1.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsilliera prezenti illi kien ghadal fadal li ssir evalwazzjoni ghal sejha ghall-offerti li kienet inharget ghal xiri u installazzjoni ta' fanali ornamentali. Is-Sa. Zerafa Civelli hegget lill-evalwaturi sabiex jaghmlu xogholhom fl-iqsar zmien possibbli sabiex il-progett ikun jista' jimmaterjalizza.

94.1.2 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi wara li kien ghalaq il-perjodu ta' sottomissjonijiet kien irrizulta illi ma kienx hemm offerti ghal sejha ghall-offerti li l-Kunsill Lokali kien hareg ghal- resurfacing ta' Triq il-Gendus u xogholijiet fi Triq il-Polvrista. Is-Sa. Zerafa Civelli sahqet illi ghaldaqstant kien hemm il-htiega illi l-istess sejha ghall-offerti terga' tinhareg mill-gdid. Kien hemm qbil unanimu mal-proposta tas-Sindku. Gie deciz ukoll illi l-ufficjali assocjati mas-sejha ghall-offerti kellhom ikunu l-istess bhal tas-sejha precedenti.

94.1.3 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi b'konnessjoni ma' sejha ghall-offerti li l-Kunsill Lokali kien hareg u li kien iddiskuta fis-seduta precedenti ghall-gbir ta' skart goff, il-Kunsill Lokali, wara li talab il-parir tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali kien f'pozizzjoni li kemm il-darba jrid, u galadarba kien hemm offerta wahda biss, jinnegozja mal-offerent l-aspett finanzjarju tas-sejha ghall-offerti. Dan fid-dawl tal-fatt illi l-offerta sottomessa kienet eligibbli u d-diffikulta' li kien sab il-Kunsill Lokali kienet tirrigwarda l-hlas mitlub, liema hlas kien ferm oghla minn dak li kien qieghed jippjana l-Kunsill Lokali. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi rigward l-istess materja, u b'konformita' ma' artiklu 23(1) tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali, il-Kunsill Lokali kien ircieva rizoluzzjoni specjali sabiex jerga' jikkunsidra decizjoni li kienet ittiehdet li tigi rrifjutata l-offerta u terga' tinhareg sejha ghall-offerti mill-gdid.

94.1.4 Wara diskussjoni libera, fuq kunsiderazzjoni tas-Sa. Noyah Spiteri ssekondata mis-Sur Pablo Cachia Belli, il-Kunsill Lokali unanimament qabel illi kellu jirrevedi d-decizjoni mehuda u hekk kif legalment permessibbli jinnegozja mal-offerent l-aspett finanzjarju tas-sejha ghall-offerti.

Is-Seduta giet fi tmiemha fis-6:00 p.m. wara li giet ezawrita l-agenda.

Konfermati, illum 14 ta' Novembru, 2018

IFFIRMATA

___________________

**Alison Zerafa Civelli**

Sindku

IFFIRMATA

_______________________

**Duncan Hall**

Segretarju Eżekuttiv